**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-09 ta' Novembru, 2018.**

**Talba Numru: 98/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 25.**

**Kenneth Cefai (K.I. 247065M) ghan-nom u in rapprezentanza**

**tas-socjeta' Learnkey Limited (C-24652)**

**83, Triq Mannarino**

**Birkirkara**

**Vs**

**Sbrina Grima (K.I.208178M)**

**Roma Court, Block A, Flat 6,**

**Triq Evelyn Bonaci,**

**Birkirkara**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Marzu, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disa' mija u ghoxrin ewro (€920) rapprezentant il-bilanc dovut ghal kors ta' 'secretarial' hekk kif

jirrizulta mill-kuntratt li sar bejn il-partijiet fit-08 ta' Novembru, 2015 liema kors il-konvenuta temmet f'Jannar, 2016.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie preżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u ghoxrin ewro (€920) bl-imghax legali mill-01 ta' Awwissu, 2016 data tal-ittra ufficjali numru 1520/16.

L-ispejjeż f'din it-talba inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali bin-numru 2494/2017 datata nhar is-06 ta' Novembru, 2017, huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**